32001D0887

14.12.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 329/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-6 ta' Diċembru 2001
## dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar

(2001/887/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizzjattiva tar-Repubblika Franċiża (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2);

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (3) jistipula illi l-munita bid-denominazzjoni tal-euro għandha titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni mill-1 ta' Jannar 2002 u jobbliga lill-Istati Membri li qed jieħdu sehem sabiex jassiguraw sanzjonijiet xierqa kontra l-iffalsifikar ta' karti u muniti tal-euro.

(2) Il-miżuri maħsuba sabiex jipproteġu l-euro stabbiliti permezz ta' strumenti oħra għandhom jiġu supplimentati u msaħħa b'dispożizzjonijiet li jassiguraw koperazzjoni fil-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-banek ċentrali nazzjonali, il-Europol u l-Eurojust sabiex ikunu mrażżna reati li jinvolvu l-iffalsifikar tal-euro.

(3) Fid-29 ta' Mejju 2000 il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Qafas 2000/383/JHA dwar żieda fil-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-iffalsifikar in konnessjoni ma' l-introduzzjoni tal-euro (4).

(4) Fit-28 ta' Ġunju 2001 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li stabbilixxa miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (5) u r-Regolament (KE) Nru 1339/2001 li estenda l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li stabbilixxa miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar f'dawn il-pajjiżi li ma adottawx il-euro bħala l-munita waħdanija tagħhom (6),

(1) ĠU C 75, tas-7.3.2001, p. 1.
(2) Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2001 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU L 139, tal-11.05.98, p. 1.
(4) ĠU L 140, ta' l-14.06.00, p. 1.
(5) ĠU L 181, ta' l-4.7.01, p. 6.
(6) ĠU L 181, ta' l-4.07.01, p. 11.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "karti iffalsifikati" u "muniti iffalsifikati" jfissru karti u muniti kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001;

(b) "falsifikar u reati marbuta ma' l-iffalsifikar tal-euro" tfisser l-imġieba, fir-rigward tal-euro, kif deskritta fl-Artikoli 3 sa 5 tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2000/383/JHA;

(ċ) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri sabiex jiċċentralizzaw l-informazzjoni, b'mod partikolari l-uffiċċji ċentrali nazzjonali, u sabiex jiskopru, jinvestigaw jew jikkastigaw l-iffalsifikar u reati marbuta ma' l-iffalsifikar tal-euro;

(d) "Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Trazzin ta' l-Iffalsifikar tal-Munita, iffirmata f'Ġinevra fl-20 ta' April 1929 u l-Protokoll tagħha;

(e) "Konvenzjoni tal-Europol" tfisser il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar it-twaqqif ta' uffiċċju Ewropew tal-pulizija (7).

*Artikolu 2*

**Analiżi esperta tal-karti u l-muniti**

L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi fil-kuntest ta' l-investigazzjonijiet ta' l-iffalsifikar u reati marbuta ma' l-iffalsifikar tal-euro:

(a) l-analiżi esperta, li hija meħtieġa, tal-karti li huwa suspettat li huma foloz issir miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Analiżi (NAC) magħżul jew stabbilit skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001; u

(b) l-analiżi esperta, li hija meħtieġa, tal-muniti li huwa suspettat li huma foloz issir miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Analiżi tal-Muniti (CNAC) magħżul jew stabbilit skond l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001.

(7) ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 2. Konvenzjoni kif l-aħħar emendata bil-Protokoll tat-30 ta' Novembru 2000 (ĠU C 358, tat-13.12.2000, p. 2).

*Artikolu 3*

**Komunikazzjoni tar-riżultati ta’ l-analiżi esperta**

L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi r-riżultati ta’ l-analiżi magħmula mill-NAC u mill-NCAC skond l-Artikolu 2 jintbagħtu lill-Europol skond il-Konvenzjoni tal-Europol.

*Artikolu 4*

**L-obbligu li jikkomunikaw l-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi l-uffiċċji ċentrali nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta’ Ġinevra jibagħtu lill-Europol, skond il-Konvenzjoni tal-Europol, informazzjoni ċentralizzata dwar l-investigazzjonijiet ta’ l-iffalsifikar u reati marbuta ma’ l-iffalsifikar tal-euro, inkluża informazzjoni miksuba minn pajjiżi terzi. L-Istati Membri u l-Europol għandhom jikkoperaw bil-għan li jiddeċiedu liema informazzjoni għandha tiġi komunikata. L-informazzjoni għandha tinkludi, mill-anqas, id-dettalji tal-persuni involuti, id-dettalji tar-reati, iċ-ċirkostanzi li fihom kienu skoperti r-reati, il-kuntest tal-qbid u rabtiet ma’ każijiet oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri għandhom, fejn ikun xieraq, f’investigazzjonijiet tal-iffalsifikar u r-reati marbuta ma’ l-iffalsifikar tal-euro, jagħmlu użu mill-faċilitajiet offruti mill-Unità Provviżorja għall-Koperazzjoni Ġudizzjarja u, eventwalment, mill-faċilitajiet għall-koperazzjoni offruti mill-Eurojust la darba tkun imwaqqfa, skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-istrumenti li jistabbilixxu l-Unità Proviżorja għall-Koperazzjoni Ġudizzjarja u l-Eurojust.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussel, fis-6 Diċembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. VERWILGHEN